MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 777/2006/1

**L-Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Abdul Mannan (passaport numru X0394241) ta' Lakshmipur, Bangladesh**

**vs**

**European Institute of Education Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' tlett elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) gja` Lm1,500 rapprezentanti hlas ta' '*tuition fees'* ghat-taghlim ta` l-Ingliz.

Peress illi s-socjeta’ konvenuta, ezercenti wkoll il-kummerc bhala *‘European University Malta Campus’* arwolat lil Abdul Mannan fil-programm edukattiv ta’ *‘Certificate in Hospitality Management’* kif jirrizulta minn dokument anness mat-talba u peress illi Abdul Mannan intalab ihallas u effettivament hallas €3,650, liema somma kellha tinkludi ‘*tuition fee’* ghat-taghlim ta’ l-Ingliz, *‘certificate programme’* ta’ sitt xhur, akkomodazzjoni ghal sitt xhur, certifikat fl-ahhar tal-kors, trasferti mill-ajruport ta’ Malta u *‘registration fee’* ta’ €150; u peress illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tapplika jew tottjeni l-‘*visa’* mehtiega biex Mannan jasal Malta u skond il-kundizzjonijiet ta’ l-arwolament, is-socjeta’ konvenuta hija obbligata li tirrifondi dak li rceviet, hlief ghad-dritt ta’ registrazzjoni ta’ €150; u peress illi Mannan interpella lis-socjeta’ konvenuta sabiex tirrifondilu dak li kien hallas, bit-tnaqqis tad-dritt ta’ registrazzjoni, izda s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta qed tintalab thallas lill-attur nomine s-somma ta’ tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) ekwivalenti ghal Lm1,502.55 izda ghal finijiet ta` u effetti kollha tal-ligi t-talba tas-sorte qed tigi limitata ghas-somma ta’ €3,494.64.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta` l-4 ta’ Mejju, 2006 u tal-protest gudizzjarju tal-25 ta’ Mejju, 2006 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn preliminarjament talbu li tingieb il-prova tal-mandat specjali li ghandu Dr Aaron Mifsud Bonnici ghal dawn il-proceduri odjerni; illi fit-tieni lok is-socjeta’ konvenuta m’ghandha l-ebda interess guridiku, mhijiex il-legittimu kuntradittur u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

illi fit-tielet lok l-attur qatt ma hallas xi somma lis-socjeta’ konvenuta u qatt ma kien hemm relazzjoni kummercjali bejniethom; illi fir-raba’ lok is-socjeta’ konvenuta ottemporat pjenament ma’ l-obbligi minnha assunti nkluz dik li tapplika ghal ‘*visa’* a tenur tad-dokumentipprezentat fit-talba u illi fil-hames lok is-socjeta’ konvenuta kellha biss relazzjoni kummercjali ma` ‘*Time & Trade’*, liema socjeta’ qatt ma tat xi flus ghan-nom ta’ l-attur; illi kull ammont mghoddi minn ‘*Time & Trade’* lis-socjeta’ konvenuta gie rifjuz lilha ‘ *in toto’*;

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Ra n-noti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Dr Aaron Mifsud Bonnici, Spettur Mario Haber, ra l-affidavit ta’ Joseph Bonnici.

Sema` t-trattazzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

IKKUNSIDRA

Illi mill-provi jirrizulta illi din hija kawza ghar-rifuzzjoni ta’ €3,494.64 ta’ ‘*tuition fee’* ghal taghlim ta’ l-Ingliz lill-attur bhala mandatarju specjali ta’ l-assenti Abdul Mannan (passaport numru X0394241) ta’ Lakshmipur, Bangladesh, liema taghlim qatt ma sehh peress illi s-socjeta’ konvenuta ma ottjenietx il-‘*visa’* mehtiega biex Abdul Mannan jasal Malta. Is-socjeta’ konvenuta eccepiet illi fil-mertu l-attur ‘*nomine’* qatt ma hallas xi somma lis-socjeta’ konvenuta u qatt ma kien hemm relazzjoni kummercjali bejniethom izda fl-istess waqt eccepiet illi is-socjeta’ konvenuta ottemporat ruhha pjenament ma’ l-obbligi minnha assunti nkluz dik li tapplika ghal *visa* u illi r-relazzjoni kummercjali kienet biss mas-socjeta’ ‘*Time and Trade International’*, liema socjeta’

estera qatt ma tat flus ghan-nom ta` l-attur u kull ammont mghoddi mis-socjeta' estera, is-socjeta' konvenuta gie rifjuz lilha '*in toto'.*

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kienet illi l-attur '*nomine'* kellhu jgib prova tal-mandat specjali li kellu sabiex jirraprezenta lill-assenti. Illi t-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti mill-attur '*nomine'* bhala prova li huwa ghandu l-mandat specjali sabiex jirraprezenta lill-assenti Abdul Mannan u jidhirlu illi l-mandat specjali lil Dr Aaron Mifsud Bonnici, gie pruvat.

Illi rigward l-eccezzjoni li s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda interess guridiku u mhijiex il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza, t-Tribunal wara li ezamina d-dokumenti kollha pprezentati quddiemu huwa tal-fehma illi fil-waqt illi s-socjeta' konvenuta eccepiet illi m'ghandha ebda interess guridiku u qatt ma kien hemm relazzjoni kummercjali ma` l-attur eccepiet ukoll illi hija kienet ottemporat ruhha ma` l-obbligi assunti minnha nkluz dik li tapplika ghal '*vis'a* a tenur tad-dokument AM1 li hija l-ittra mibghuta minn Antonello Cappitta ghan-nom ta' '*European University Malta Campus'*, li huwa d-direttur tal-korsijiet. Illi mill-provi jirrizulta illi wara din l-ittra tat-2 ta' Novembru, 2005, l-attur kien baghat *'bank draft'* ta' €3,650 lil '*European University*, *Malta'* fl-4 ta' Dicembru, 2005. Illi f'din l-ittra kien hemm stipulat il-kundizzjonijiet u t-termini tal-kors, illi fost affarijiet ohra l-kors kellu jibda` fit-2 ta' Jannar, 2006, li kien ghal sitt xhur, illi l-attur kellu jhallas fis-somma ta' €3,650 ghat-taghlim, akkomodazzjoni u trasferti u in oltre l-istudent kellu jhallas mizata tar-registrazzjoni ta' €150. Mill-eccezzjonijiet u mill-provi u d-dokumenti ezebiti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta kienet applikat ghal '*visa'* sabiex l-istudent Abdul Mannan jasal Malta. Illi fil-waqt illi s-socjeta' konvenuta eccepixxiet illi hija ghandha relazzjoni kummercjali ma` socjeta` estera bl-isem '*Time and*

*Trade International'*, l-attur ipprova illi bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera '*Time & Trade Internationa'l* kien hemm ftehim ta' rapprezentazzjoni sabiex jirregistraw l-istudenti u ma` *Time & Trade International* kien hemm relazzjoni ta' '*recruitment representation'* u l-hlas lis-socjeta' '*Time & Trade International'* kellu jsir a bazi ta' kummissjoni fuq il-korsijiet li kienu jinbieghu tramite s-socjeta' '*Time & Trade International'*. Izda, l-hlasijiet ghal korsijiet tat-taghlim kellu jsir direttament mill-istudenti lill-'*European University Campus'* u l-*'application forms'* kellhom jintbaghtu lill- '*European Institute of Education'*. Illi minn dokumenti prezenti jidher illi l-'*European University Campus'* hija operata mis-socjeta' konvenuta.

Illi fil-mertu jirrizulta illi l-attur kien hallas direttament lill-'*European University, Malta'* permezz ta' '*bank draft'*. Illi l-'*European University, Malta Campus'*, kif ukoll il-'*European University Institute of Education', 'European School of Management', 'Universal Language Services'* u l-'*EIE Distance'* kollha jifformaw parti mis-socjeta' '*European Institute of Education'* li hija l-entita' li ghandha l-personalita' guridika u li hija s-socjeta' li topera u tiggestixxi l- *European University, Malta Campus'*, il-'*European University Institute of Education', il-'European School of Management', il-'Universal Language Services'* u l-'*EIE Distance'* .

Illi mill-provi prodotta jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta hija l-legittimu kuntradittur peress illi tezisti relazzjoni bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta. Illi l-prova ta' hlas ghal kors ta' taghlim li jinkorpora l-akkomodazzjoni ghal sitt xhur u trasferti mill-ajruport kellhom isiru direttament lis-socjeta' konvenuta mill-istudent kif fil-fatt sar. Illi skond l-ittra fejn gew spjegati il-kundizzjonijiet tal-hlas lill-istudent, jekk kemm-il darba il-VISA ma tirnexxiex l-istudent kellu jkun rimborsat il-hlas li

jkun ghamel ghal kors hlief il-€150 '*Registration Fee'*. Din hija kundizzjoni stipulata mill-'*European University Campus'*, l-entita' li tiggestixxi *t-'tuition course'* ta' l-Ingliz f'Malta u s-socjeta' konvenuta hija s-socjeta' li topear din l-entita hawn Malta u ghaldaqstant l-istudent Abdul Mannan ghandu d-dritt li jigi rimborsat l-ammont imhallas minnu hlief ghal mizata ta' registrazzjoni.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova li hija rrifondiet xi flus appartenenti lil Abdul Mannan la lilu stess u l-anqas lis-socjeta' estera '*Time & Trade International'*. Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-attur '*nomine'* pprova illi huwa kien hallas dawn il-flus u li r-rimbors ghadu dovut skond il-kundizzjonijiet imfassla mis-socjeta' konvenuta stess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fis-somma ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06), bl-ispejjez kollha kif mitluba u bl-interessi minn Jannar ta` l-2006 sa l-effettiv pagament.

Spejjez tal-kawza ghas-socjeta' konvenuta.**"**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza biex tattakka r-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal fejn dan iddetermina li hi kienet il-legittimu kontradittur *di fronte* ghall-pretensjoni attrici. Hi, invece, tissottometti illi, in bazi ghall-provi, qatt ma dahlet f'relazzjoni kontrattwali ma' l-attur ghax ir-rapport negozjali taghha kien esklussivament mal-kumpanija Time and Trade International Ltd. Hi tichad li rceviet flejjes minghand l-attur u tiddikjara ukoll illi, f'kull kaz, saret ir-rimessa lura taghhom lill-imsemmija kumpanija;

In meritu ghal dan l-aggravju huwa xieraq li, preordinatament, tigi registrata din ir-riflessjoni guridika. Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta. Ara f'sens konformi l-hsieb traccjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***", 5 ta' Ottubru, 2001. Jekk, kif inhu l-kaz hawnhekk, is-socjeta` konvenuta tafferma, u ssostni, illi hi ma hadetx parti fir-rapport dedott fil-gudizzju ghaliex ir-relazzjoni taghha kienet ma' kumpanija terza u mhux ma' l-attur direttament hi kellha ggib il-prova pozittiva ta' dan l-assunt taghha. Dan, din il-Qorti gja irrilevatu fejn osservat illi "min jissolleva b'difiza li ma huwiex il-legittimu kontraddittur ghandu jsostni dan bi prova adegwata u konklussiva" ("**Charles Mercieca & Co Ltd *et* -vs- Malta Yacht Manufacturing Ltd**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Mejju, 2005);

Fuq l-ezami taghha ta' l-elementi probatorji in atti sew l-eccezzjoni, kif ukoll issa l-aggravju fir-rigward, ma humiex sostenuti. Anzi, jkollu jinghad, illi lil din il-Qorti ma tirrizultalha ebda vjolazzjoni tal-kontradittorju legittimu ghal finijiet processwali tant ghaliex ir-rapport processwali jinsab regolament instawrat, tant ghaliex ukoll hu validament kostitwit bejn il-partijiet fil-kawza;

Manifestament, l-atti istruttorji juru illi bil-kontra ta' dak iddikjarat minn Joseph Bonnici, direttur tas-socjeta` konvenuta, fl-Affidavit tieghu a fol. 45, kien hemm kuntratt dirett bejn l-istess socjeta` konvenuta u l-attur li applika ghal kors imniedi minnha. Proprju taht il-firma ta' Antonello Cappitta, Director of Courses, l-attur gie personalment informat b'ittra tat-2 ta' Novembru, 2005 (fol. 2) illi huwa gie arrwolat bhala student fil-kors ta' "Hospitality Management" u fil-programm tal-lingwa Ingliza. Huwa gie komunikat ukoll bl-istess ittra d-data tal-bidu tal-kors u x'*tuition fee* kien tenut ihallas (€3650). Ammont dan effettivament rimess lis-socjeta` konvenuta

permezz ta’ Bank Draft ta’ l-4 ta’ Dicembru, 2005 li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 3. Minn dan biss, tisfuma fix-xejn l-asserzjoni tal-precitat xhud illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kellha kuntatt ma’ l-istudent u qatt ma rceivet ebda flus minghand l-istudent ghaliex il-kuntatti taghha kienu biss ma’ l-agenti taghha f’Bangladesh raffigurati mill-kumpanija Time and Trade International;

Agguntivament, l-istess provi akkwiziti in atti mhux biss ma jissuffragawx il-kontenzjoni tas-socjeta` appellanti illi sar ir-rimbors minnha tas-somma ricevuta lil din l-ahhar imsemmija kumpanija, talli skond ir-rapprezentant ta’ din l-istess kumpanija din kienet, oltre r-rikjesta ta’ numru ta’ rimborsamenti, hi stess qed tirreklama l-kummissjonijiet dovuti lilha. Ara Affidavit ta’ Ishtiaq Alam a fol. 30;

Apparti dan, fil-verita` minn dan konsiderat ma tassumi ebda riljev is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti illi l-obbligu tar-rifuzjoni lill-attur hu inkombenti fuq il-precitata socjeta` estera. Ir-rapport processwali hu sewwa instawrat ghaliex ir-relazzjoni guridika kienet unikament bejn il-kontendenti. F’dawn ic-cirkustanzi l-konkluzjoni tal-Qorti ma tistax tkun diversa minn dik tat-Tribunal;

Billi din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-appell hu wiehed fieragh ghandha tapplika ghalih id-dispost ta’ l-Artikolu 233(4) tal-Kapitolu 12 bl-imposizzjoni tad-*doppio spese*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li s-socjeta` konvenuta ghandha ai termini ta’ l-Artikolu 223 (4) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili tbati spejjez doppji ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------